**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Illum 15 ta' Mejju 2024**

**Rik. Div.Nru.: 583/2023 JPG**
**Kawza nru.: 18**

**NC**
**Vs**
**LV**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tal-attur datat l-1 ta' Novembru 2023, a fol 1, li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet iżżewġu f'Malta fit-tletin (30) ta' Ġunju tas-sena elfejn u sebgħa (2007) liema żwieġ ġie reġistrat fir-Reġistru Pubbliku bin-numru progressiv elf u sitta u sebgħin (1076) (Ara Dok A anness);*

*Illi minn dan iż-żwieġ twieled il-minuri JC f'X;*

*Illi l-partijiet illum huma legalment separati b'kuntratt redatt minn Nutar Dottor Francesca Cachia Zammit mit-dsatax (19) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023) (Ara Dok B anness);*

*Illi skont l-istess kuntratt tas-separazzjoni personali (Ara Dok B, Klawsola 7 taħt 'Manteniment bejn il-Konjuġi'), l-ebda manteniment m'hu dovut fir-rispett tal-*

*konjuġi stante li l-partijiet formalment iddikjaraw illi huma irrinunzjaw irrevokabbilment għad-dritt tagħhom għall-manteniment mingħand xulxin;*

*Illi skont l-istess kuntratt tas-separazzjoni personali (Ara Dok B, Klawsola 17.(a) ir-raġel obbliga ruħu li jħallas lill-mara in linea ta' manteniment għall-minuri JC s-somma ta' ħames mitt Ewro (€500) kull xahar bil-quddiem permezz ta' standing order f'kont bankarju tal-mara;*

*Illi m'hemm l-ebda arrettrati ta' manteniment dovuti;*

*Illi m'hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejnet il-partijiet stante illi illum għandhom ħajja totalment separata minn xulxin;*

*Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għal-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili, Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*Għaldaqstant l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejnet il-partijiet;*

2. *Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bill-ħall taż-żwieġ tal-partijiet biex dan jiġi registrat fir-Reġistru Pubbliku.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta tal-intimata datata 17 ta' Jannar 2024, a fol 16 li taqra hekk:

1. *Illi l-partijiet izzewgu nhar it-30 ta' Gunju 2007, u minn dan iz-zwieg twieled tifel, JC li twieled f'X;*

2. *Illi l-partijiet isseparaw legalment minn xulxin permezz ta' kuntratt redatt minn Nutar Dottor Francesca Cachia Zammit nhar id-9 ta' Settembru 2023.*

*Skont l-istess kuntratt il-partijiet irrinunzjaw reciprokament u irrevokabbilment ghad-dritt ta' manteniment minghand u lejn xulxin.*

3. *Illi pero' l-Missier hawn attur obbliga ruhu li fir-rigward tat-tifel, JC huwa jhallas manteniment ta' €500 kull xahar permezz ta' standing order u fil-prezent l-esponenti tista' tikkonferma illi ma hemm l-ebda arretrati f'dan ir-rigward;*

4. *Illi l-esponent taqbel illi ma jezisti l-ebda propsett ragjonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u llum il-gurnata, l-partijiet ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;*

5. *Illi l-esponenti m'ghandhiex oggezzjoni illi dan iz-zwieg taghha mar-rikorrent jigi xolt, pero jinghad illi l-esponenti ma kellha l-ebda interess illi tiehu dan id-divorzju u ghaldaqstant ma jkunx gust illi hija jkollha thallas ghall-ispejjez tal-istess. Konsegwentement l-esponenti qieghdha toggezzjona ghall-hlas tal-ispejjez ma' din il-kawza.*

   *Salv dawk il-provvedimenti kollha li din l-Onorabbli Qorti jidhirla xierqa u opportuni.*

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-attur xehed (vide affidavit fol 18)** u kkonfermat illi il-partijiet izzewgu nhar it-30 ta' Gunju 2007 u li minn dan iz-zwieg twieled tifel. Iddikjara illi huma sseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 19 ta' Settembru 2023 fl-atti tan-Nutar Dr Francesca Cachia Zammit. Di piu', ikkonferma illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghall-rikonciljazzjoni kif ukoll ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

**L-intimata xehdet (vide affidavit fol 23)** u kkonfermat u kkorroborat x-xhieda ta' zewgha

u sostniet illi l-partijiet ilhom ma jghixux flimkien mill-10 ta' Mejju 2023.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***
>
> ***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***
>
> ***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-30 ta' Gunju 2007 liema zwieg jgib certifikat numru 1076/2007 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 3, Dok A). Minn dan iz-zwieg twieled tifel.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt konsenswali, ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Francesca Cachia Zammit nhar id-19 ta' Settembru 2023 (Vide fol 4 et seqq.). Gie dikjarat illi l-partijiet ilhom ma jghixux flimkien mill-10 ta' Mejju 2023. Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1076/2007 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**